PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

**2013/2119(INI)**

27.11.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar id-29 Rapport Annwali dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tal-Liġi tal-UE (2011)
(2013/2119(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Rolandas Paksas

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq li d-dritt tat-tressiq ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew huwa wieħed mill-pilastri fundamentali taċ-ċittadinanza Ewropea, li jirriżulta mill-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi l-għodda biex tiżdied il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea u jenfasizza, fid-dawl ta' dan, ir-rwol kruċjali li għandu l-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala l-istadju effettiv ta' bejn iċ-ċittadin, il-Parlament u l-Kummissjoni;

2. Jiddiċiedi li jipparteċipa bis-sħiħ ma' Kumitati parlamentari oħra fl-iskrutinju effettiv tal-mod li bih il-liġi tal-UE tiġi applikata fl-Istati Membri peress li hija involuta l-kredibbiltà tal-liġi tal-UE;

3. Jirrimarka li mill-petizzjonijiet ippreżentati minn ċittadini u residenti tal-Unjoni Ewropea, partikolarment fl-oqsma tad-drittijiet bażiċi, l-ambjent, is-suq intern u d-drittijiet tal-proprjetà, jeżisti ksur tal-liġi tal-UE; iqis li l-petizzjonijiet jagħtu xhieda li għad hemm ħafna każijiet spissi u mifruxin ta' traspożizzjoni inkompleta tal-liġi tal-UE jew ta' applikazzjoni ħażina tagħha;

4. Jirrikonoxxi t-talba tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali għal opinjoni legali mingħand is-servizz legali tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni dwar każijiet ta' qabel il-ksur fil-kuntest tal-EU Pilot u r-rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE;

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħraf ir-rwol tal-petizzjonijiet fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u jirrimarka li l-petizzjonijiet, flimkien mal-ilmenti lill-Kummissjoni, huma fost l-ewwel indikaturi ta' problemi relatati ma' implimentazzjoni ħażina tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

6. Iqis li skambju aktar regolari u istituzzjonalizzat bejn il-PETI u l-kontropartijiet kollha nazzjonali tiegħu jtejjeb aktar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE peress li ħafna każijiet li jinvolvu l-leġiżlazzjoni tal-UE, li jinġabu għall-attenzjoni tal-kumitati għall-petizzjonijiet nazzjonali, jistgħu qatt ma jaslu f'istituzzjoni Ewropea;

7. Jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, permezz tad-diskussjoni tal-petizzjonijiet, jikkontribwixxi sabiex jiġbed l-attenzjoni dwar l-applikazzjoni żbaljata tal-liġijiet tal-UE; jipproponi li r-rappreżentanti tal-Istati Membri jkunu preżenti fil-Kumitat waqt dawn id-diskussjonijiet;

8. Itenni t-talbiet preċedenti tiegħu li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jingħatalu tagħrif ċar dwar l-istadji li jkunu ntlaħqu fil-proċeduri ta' ksur li wkoll huma koperti minn petizzjonijiet miftuħa, kif stipulat fl-Artikolu 44 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew;

9. Jenfasizza l-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet li waslu dwar kwistjonijiet li għandhom

x'jaqsmu mal-kriżi ekonomika u mal-kriżi soċjali u mal-miżuri ta' awsterità, li qed jipperikolaw li jdgħajfu d-drittijiet soċjali taċ-ċittadini u jfakkar li l-Ewropa jeħtiġilha tqiegħed liċ-ċittadini l-ewwel u taħdem għall-benesseri tiegħu;

10. Jemmen li, fir-rigward tal-funzjonament tal-proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 u 260 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha tiżgura li petizzjonijiet għall-Parlament u ilmenti għall-Kummissjoni huma ttrattati b'konsiderazzjoni ugwali;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea twettaq investigazzjonijiet aktar rapidi tal-proċeduri ta' ksur relatati ma' sitwazzjonijiet ta' tniġġis ambjentali li jipperikola s-saħħa tal-bniedem;

12. Jinnota t-tnaqqis fin-numru ta' proċeduri ta' ksur (60.4 %) li ngħalqu fl-2011 qabel ma waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja, meta mqabbel ma' 88 % tal-każijiet li ngħalqu fl-2010; għalhekk huwa essenzjali li l-Azzjonijiet tal-Istati Membri jibqgħu jiġu mmonitorjati filwaqt li jiġi kkunsidrat il-fatt li ċerti petizzjonijiet jistgħu jirreferu għal problemi li jippersistu anki wara li tingħalaq il-kwistjoni;

13. Jikkundanna r-ritmu estremament bil-mod tal-proċedura ta' ksur dwar it-tniġġis bid-diossini kkawżat mill-impjant tal-ILVA f'Taranto sa mill-2008 (petizzjoni 0760/2007) u jistenna bil-ħerqa konklużjoni rapida sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-eluf ta' residenti taż-żona;

14. Iqis li, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali, jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun aktar effettiva, applikata b'mod effettiv u effiċjenti, billi ġġib benefiċċji għad-drittijiet taċ-ċittadini u għall-koeżjoni soċjali u tagħti attenzjoni sħiħa lill-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ukoll f'livell reġjonali;

15. Jenfasizza li ċ-ċittadini, in-negozji u partijiet oħra interessati jistennew qafas regolatorju sempliċi, prevedibbli u regolatorju; jindika li kemm ir-regolamentazzjoni eċċessiva, kif ukoll ir-regolamentazzjoni nieqsa, jħarbtu l-kompetittività u jżommu l-ekonomija lura milli tikber;

16. Iqis li l-Istati Membri, filwaqt li jkunu qed jittrasponu l-liġi tal-UE għas-sistema nazzjonali, għandhom jew b'mod kwantitattiv jittrasponu b'mod preċiż id-dispożizzjonijiet tad-direttiva, jew jispjegaw għaliex iqisu li huwa meħtieġ li jespandu d-dispożizzjonijiet trasferibbli aktar milli hu mitlub mir-rekwiżiti minimi determinati tal-liġi tal-UE;

17. Jenfasizza li l-istandards ogħla ta' parteċipazzjoni pubblika ġenwina huma kruċjali biex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE, kemm bil-fatti kif ukoll fl-ispirtu; jenfasizza li aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti sħiħa u l-eżistenza ta' mekkaniżmi legali xierqa ta' rimedju huma pilastri bażiċi tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini;

18. Jilqa' l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li, fil-ġurisprudenza ERT, tenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri huma marbuta wkoll mad-drittijiet fundamentali u prijoritarji tal-Unjoni, anke jekk iridu jillimitaw il-libertajiet fundamentali garantiti bit-TFUE permezz ta' miżuri nazzjonali;

19. Jitlob lill-Kummissjoni Ewroppea tinvestiga liema ostakoli jeżistu li jżommu liċ-ċittadini tal-UE milli jiksbu interpretazzjoni affidabbli tal-QEĠ dwar kwistjonijiet fundamentali tal-liġi Ewropea fil-kawżi quddiem il-qrati nazzjonali.

20. Huwa interessat li jiġu żgurati l-garanziji massimi fl-implimentazjzoni korretta tal-liġi tal-UE dwar il-qasam ambjentali; iqis li għandu japplika l-approċċ prewkazjonarju meta jiġu awtorizzati proġetti li għandhom impatt li jista' jikser il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u li l-mekkaniżmi ta' inibizzjoni jistgħu jkunu għodda effettiva għal dan;

21. Jirrimarka li waħda mill-problemi prinċipali li jiffaċċjaw l-Istati Membri huma r-rekwiżiti ġuridiċi formali fl-istadji tal-abbozzar, il-leġiżlazzjoni, l-ippjanar jew l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi; jinnota li l-proċess tat-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jista' terġa' jieħu aktar fit-tul jekk waqt dawn l-istadji l-kompożizzjoni tal-gvern tinbidel; barra minn hekk, jinqalgħu problemi wkoll minħabba n-nuqqas ta' koordinament jew kooperazzjoni bejn id-dipartimenti tal-istituzzjonijiet amministrattivi, responsabbli għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi; jiddeplora li d-dewmien fit-traspożizzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ħafna drabi jsir sors importanti tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi Komunitarja;

22. Jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha se jipparteċipaw fl-EU Pilot; jittama li dan jirriżulta fi tnaqqis ulterjuri ta' każijiet ta' ksur; jitlob għal aktar informazzjoni pubblika dwar l-EU Pilot;

23. Jitlob li ssir valutazzjoni ddettaljata tal-effettività tal-mekkaniżmi tal-ilmenti (EU Pilot, Solvit, eċċ.); ifakkar li l-Kummissjoni hija l-korp li fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri, kemm f'termini ta' traspożizzjoni legali kif ukoll ta' infurzar;

24. Jenfasizza li l-istadju sperimentali inizjali tal-EU Pilot diġà għadda, u li issa huwa metodu ta' ħidma li ġie ppruvat sew, li jippermetti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri involuti fil-proġett, u liċ-ċittadini jiksbu r-riżultati meħtieġa; jinnota li n-nuqqas ta' involviment fl-EU Pilot min-naħa ta' min jilmenta u n-nuqqas ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti fi ħdan l-EU Pilot huma meqjusa bħala problema prinċipali ta' din il-għodda, għal dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu adottati regoli ċari dwar il-parteċipazzjoni ta' min jilmenta permezz ta' miżuri ġuridikament vinkolanti;

25. Iħeġġeġ li jittejjbu l-kooperazzjoni u l-effiċjenza tal-proġett tal-EU Pilot, l-ewwel nett biex ikun hemm konformità aktar stretta mat-termini tentattivi miftiehma u biex tittejjeb il-kwalità tal-mistoqsijiet tal-Kummissjoni u tar-risposti tal-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-implimentazzjoni tardiva tad-Direttivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel aktar enfasi dwar il-ħlas ta' penali; jenfasizza l-importanza li, fid-dawl tat-traspożizzjoni tardiva tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri individwali, leġiżlazzjoni ġdida għandha tkun dipendenti fuq l-implimentazzjoni korretta fl-Istati Membri;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħin lill-istituzzjonijiet nazzjonali kompetenti biex jiżguraw traspożizzjoni u applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE u biex jiddeterminaw u jeliminaw il-fatturi ta' riskju prinċipali għall-implimentazzjoni f'waqtha u xierqa ta' biċċiet ta'

leġiżlazzjoni ġodda (jew parzjalment emendati), kif ukoll tirrakkomanda x'fatturi tat-tnaqqis tar-riskji għandhom jiġu previsti fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni; iħeġġiġha wkoll tagħti aktar attenzjoni lill-iżvilupp tal-komunikazzjoni bilaterali bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni kif ukoll lil suriet oħra ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-gvernijiet reġjonali;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar każijiet ta' ksur permezz ta' bażi ta' dejta li tkun faċli biex wieħed jużaha, li tkun tipprovdi tagħrif komprensiv dwar ksur relatat ma' atti leġiżlattivi tal-UE speċifiċi jew ma' xi Stat Membru, u b'mod partikolari biex taġġorna fil-ħin lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċeduri ta' ksur relatati mal-petizzjonijiet;

29. B'kollox, ġew magħluqin 399 każ ta' ksur minħabba li l-Istat Membru wera l-konformità tiegħu mal-liġi tal-UE. Il-Qorti kienet tat 62 sentenza taħt l-Artikolu 258 TFUE fl-2011, li minnhom 53 sentenza (85 %) inqatgħu favur il-Kummissjoni;

30. Jindika li l-kapaċità tal-proċedura ta' ksur tal-Kummissjoni tibqa' motivatur importanti għal implimentazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri. Iqis li l-Kummissjoni għandha tipproponi Regolament li jirregola r-regoli tal-proċeduri ta' qabel il-ksur u tal-proċeduri ta' ksur, ibbażat fuq kriterji u proċeduri komprensivi u ċari, li jiggarantixxu, fost affarijiet oħra, komunikazzjoni estensiva ma' dawk li ressqu lment. L-iżvilupp ta' dawn ir-regoli għandu jgħaddi minn proċess ta' konsultazzjoni qabel il-proċedura leġiżlattiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

31. Jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq l-għadd li kostantement qed jonqos ta' każijiet ta' ksur li ma tlestewx; huwa apprezzat li l-Istati Membri jitfgħu ħafna sforzi biex jeliminaw il-ksur mingħajr proċess ġudizzjali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.11.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Victor Boştinaru, Michael Cashman, Giles Chichester, Nikolaos Chountis, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Erminia Mazzoni, Judith A. Merkies, Roberta Metsola, Jarosław Leszek Wałęsa, Angelika Werthmann, Tatjana Ždanoka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jaroslav Paška, Keith Taylor, Ioannis A. Tsoukalas |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Juozas Imbrasas |